# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tal-Hamis, 5 ta' Ottubru, 2000**

**Numru: 4**

**Citazzjoni Numru: 1241/94 JF**

**Michael Borg**

**Vs**

**Andrew M. Calascione, James Arrigo u Michael P. Calascione, bhala Diretturi, ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta' Marina Milling & Grain Handling Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet

necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li l-attur jahdem bhala "watchman" mas-Socjeta' konvenuta.

U premess li fil-perjodu bejn id-19 ta' Frar 1979 sal-10 ta' Mejju 1993, l-attur irrenda s-servizzi tieghu bhala "watchman" lis-Socjeta' konvenuta ghall-total ta' sittin (60) siegha fil-gimgha, b'dan ghalhekk li oltre l-erbghin (40) siegha normali, l-istess attur hadem ghoxrin (20) siegha "extra" jew bhala "overtime" a beneficcju tal-istess Socjeta' konvenuta.

U premess li l-attur thallas biss a bazi tas-sighat normali bhala "forty hour week" mis-Socjeta' konvenuta, u ghalhekk l-istess attur ghad baqghalu jigi kkompensat u jithallas mis-Socjeta' konvenuta ghal ghoxrin (20) siegha fil-gimgha "extra" jew "overtime" li huwa hadem u rrenda bhala "watchman" bejn l-istess perjodu tad-19 ta' Frar 1979 sal-10 ta' Mejju 1993, a beneficcju tal-istess Socjeta' konvenuta.

U premess li nonostante l-fatt li skond il-"Collective Agreement" iffirmat inter alia mis-Socjeta' konvenuta u mill-"Hotels, Restaurants and Food Workers Section" tal-General Workers Union (bhala rapprezentanti tal-haddiema) hemm stipulat is-sighat ta' xoghol ta' "watchman" huma "an average week of forty hours" (Para. 12) u wkoll f'paragrafu 10 tal-istess hemm stabbiliti r-rati li bih jigi mhallas l-

istess numru ta' sighat "extra" jew "overtime", l-istess Socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ma hallsitx lill-attur il-kumpens lilu dovut ghall-servizzi minnu resi lis-Socjeta' konvenuta bhala "watchman", konsistenti tali servizz f'ghoxrin (20) siegha "extra" fil-gimgha u in eccess tal-"forty hour week", ghall-perjodu bejn id-19 ta' Frar 1979 u l-10 ta' Mejju 1993.

U premess li l-istess Socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti nonostante l-ittra ufficjali tat-22 ta' Novembru 1993 u 16 ta' Frar 1994, u ghalhekk l-attur kostrett jistitwixxi din il-procedura.

Talab li ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-attur fil-perjodu ta' bejn id-19 ta' Frar 1979 u l-10 ta' Mejju 1993 hadem total ta' sittin (60) siegha fil-gimgha, b'dan ghalhekk li hadem bhala "watchman", u rrenda s-servizzi tieghu bhala tali, mhux biss ghall-erbghin (40) siegha fil-gimgha bhala "average forty hour week" stabbilit fil-"Collective Agreement" (li taghhom thallas), izda ghoxrin (20) siegha ohra fil-gimgha "extra" jew bhala "overtime", u ghalhekk l-istess Socjeta' konvenuta ghandha thallas jew tikkompensa lill-attur ghall-istess ghoxrin (20) siegha fil-gimgha "extra" jew bhala "overtime" li l-attur irrenda bhala servizz tieghu bhala "watchman" a beneficcju tas-Socjeta konvenuta u dan ghall-perjodu premess li s-Socjeta'

konvenuta baqghet sal-lum ma hallsitx lill-attur, u dan occorrendo bir-rati stabbiliti fl-istess “Collective Agreement” ghal “overtime”.

2. Tillikwida occorrendo permezz ta’ periti nominandi, l-ammont ta’ kumpens dovut mis-Socjeta’ konvenuta lill-attur ghal ghoxrin (20) siegha “extra” fil-gimgha li l-attur hadem u offra s-servizzi tieghu bhala “watchman” a beneficcju tas-Socjeta’ konvenuta ghall-perjodu bejn id-19 ta’ Frar 1979 u l-10 ta’ Mejju 1993, occorrendo a bazi tar-rati dwar “overtime” kif stabbilit fl-istess “Collective Agreement” u wkoll a bazi tal-“Cost of Living Increases”, “Bonuses” u zieda fir-rati applikabbli ghas-sighat mahduma bhala “overtime” applikabbli fiz-zminijiet tal-perjodu premess bejn id-19 ta’ Frar 1979 u l-10 ta’ Mejju 1993.

3. Konsegwentament tikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata ai termini tat-tieni domanda ta’ din ic-citazzjoni rapprezentanti l-kumpens dovut lill-attur mis-Socjeta’ konvenuta, ghas-servizzi resi mill-attur bhala “watchman” ghal ghoxrin (20) siegha “extra” fil-gimgha (oltre l-erbghin (40) siegha bhala “basic forty hour week” ghall-perjodu bejn id-19 ta’ Frar 1979 u l-10 ta’ Mejju 1993, a beneficcju tal-istess Socjeta’ konvenuta, u dan peress li s-Socjeta’ konvenuta hallset biss lill-attur ghal “average forty hour week”, u baqghet inadempjenti u ma hallsitx lill-attur ghall-istess premessi ghoxrin (20) siegha “extra” jew “overtime” fil-gimgha ghall-perjodu premess.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri tat-22 ta' Novembru 1993 u tas-16 ta' Frar 1994 u bl-imghax legali mid-dati rispettivi sal-effettiv pagament u b'riserva ta' kull azzjoni ulterjuri kompetenti lill-attur kontra l-istess Socjeta' konvenuta.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn eccepew l-infondatezza tad-domandi attrici billi:

1. Kontrarjament ghal dak allegat fl-att tac-citazzjoni l-attur ma kienx kopert bil-kondizzjonijiet tal-Collective Agreement li hu maghmul bhala l-bazi ta' l-istanza odjerna, u

2. F'kull kaz, it-talba ghal hlas tinsab preskritta.

Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u l-"affidavits" pprezentati.

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Trattata l-kawza;

Ikkunsidrat li f'din il-kawza l-attur qieghed jitlob li jithallas ammont "da liquidarsi" minghand is-socjeta' konvenuta riferibbilment ghal ghoxrin (20) siegha extra fil-gimgha li huwa hadem bhala "watchman" a beneficcju tal-istess socjeta' bejn id-19 ta' Frar 1979 u l-10 ta' Mejju 1983.

Illi mill-provi m'hemmx dubbju li bhala fatt irrizulta li s-sieghat ta' xoghol reklamati mill-attur hadimhom tabilhaqq. Tant hu hekk li kien hemm inkontri bonarji bejn l-"employers" tieghu u l-attur, permezz ukoll ta' medjaturi, biex jintlahaq ftehim bonarju li pero' finalment ma ntalhaqx. Huwa minnu li kemm dawna l-inkontri kif ukoll l-offerta ta' elf lira (Lm1,000) li saret min-naha tas-socjeta' konvenuta nzammu u saru minghajr pregudizzju pero' fl-istess waqt il-bazi ta' l-inkontri kienet proprju dovuta ghall-fatt innegabbli li s-servizzi de quo kienu jmorru 'l hinn minn dak ikkontemplat fil-"Collective Agreement" milhuq bejn is-socjeta' konvenuta u l-haddiema tas-socjeta' kif rapprezentati mill-General Workers Union.

Per via ta' nota ta' eccezzjonijiet, is-socjeta' konvenuta ssollevat zewg "ostakoli" ghat-talbiet attrici: li l-"Collective Agreement" citat mill-attur mhux applikabbli ghall-attur u li f'kull kaz it-talba attrici kienet preskritta bid-dekorriment ta' sena a tenur ta' l-artiklu 2147 tal-Kodici Civili.

Il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti m'hijiex tal-fehma li l-attur irnexxielu jipprova li l-"Collective Agreement" – Dok A – kien applikabbli wkoll ghalih, apparti l-fatt li skond is-socjeta' konvenuta kien hemm "Collective Agreement" iehor applikabbli se mai ghall-haddiema fid-divizjoni li maghha kien jahdem l-attur, ghalkemm hawn ukoll il-kategorija ta' "watchman" ma kienitx inkluza. Il-kumpanija Marina Milling & Grain Handling Co. Ltd. (il-kumpanija konventa) – jghidu l-konvenuti nomine - kienet tmexxi zewg divizjonijiet separati: dik tal-"grain handling" u dik tal-produzzjoni tad-dqiq. Il-"Collective Agreement" citat mill-attur kien ikopri biss l-impjegati mas-sezzjoni tad-dqiq u mhux ukoll dawk addetti ghall-"grain handling" li fosthom kien hemm l-attur.

Illi l-fatt li kien hemm zewg "Collective Agreements" johrog mhux biss mix-xhieda tal-konvenuti imma anke minn dik prodotta mill-attur. Hekk, per ezempju, xehed John Mansueto, Segretarju, Taqsima Lukandi, Ristoranti, u Ikel tal-General Workers Union (fol. 86 – 96). Dan ix-xhud ighid (fol. 89 tal-process) li lilu kien:

> *"irrizultalu illi Michael Borg, ghallinqas hekk qalet il-kumpanija wkoll, kien qieghed jahdem fil-parti tal-Grain Handling, li skond 'il-kumpanija' u skond mill-istess ftehim kollettiv kien jirrizulta illi l-grad ta' watchman ma kienx indikat …." (sottolinear tal-Qorti).*

Bil-maqlub imbaghad, skond ix-xhud, il-grad ta' "watchman" kien inkluz fil-ftehim kollettiv l-iehor. Id-domanda allura terga' tqum: ma'

min sewwa sew kien impjegat l-attur? Din il-prova ovvjament riedet issir mill-attur. L-aktar li wasal pero' l-attur kien li huwa kien gie originarjament impjegat <u>bil-fomm</u> direttament mis-Sur Calascione (ara xhieda attur a fol. 164) fejn ighid hekk:

> *"Jiena nikkonferma illi l-kumpanija illi kienet thaddimni u thallasni skond il-ftehim verbali illi jiena kont ghamilt mas-Sur Calascione meta huwa impjegani."*

Mela dan ifisser li bhala kondizzjonijiet ta' mpjieg dawn kienu regolati b'dan il-ftehim verbali u mhux bil-ftehim kollettiv. Il-konvenuti nomine xehdu mbaghad fis-sens li l-attur qatt ma kien impjegat mas-sezzjoni tad-dqiq imma mal-"Grain Handling". Xhieda bhal dik moghtija minn Joseph Spiteri, production manager, jikkwalifikaw l-impjieg ta' "watchman" maghmul mill-attur bhala wiehed li kien jaqa' taht zona indeterminata ("a gray area")

Illi inoltre jirrizulta li <u>l-istess Union li kienet qeghda tirraprezenta l-interessi tal-haddiema membri taghha</u>, f'dan il-kaz il-General Workers Union, kienet anke kitbet lill-avukat ta' l-attur – ara ittra datata l-20 ta' April 1994 – a fol. 97 tal-process – Dok JMZ fejn hemm car u tond – l-ittra inkitbet mis-Sur John Mansueto, ix-xhud surreferit li,

> *"I fail to understand the term 'alleged Collective Agreement' or your objective in this regard."*
>
> *"For your benefit please note that a further agreement exists between the G.W.U. and M.M.G.H. Ltd., <u>but which is irrelevant</u>*

*to your client's case since it provides for conditions of employment to grades which exclude 'watchmen'".*

*(sottolinear tal-Qorti).*

Din il-Qorti ghalhekk ma tistax tifhem kif l-attur baqa' jippersisti li huwa kien intitolat li jigi kkunsidrat bhala li kien jaqa' taht il-ftehim kollettiv citat minnu. Minbarra dan, hemm imbaghad min-naha l-ohra, ix-xhieda ta' Michael Calascione, Technical Director, li xehed li l-attur ma kien jaqa' taht ebda wiehed miz-zewg ftehim kollettiv (fol. 150) u x-xhieda ta' Maurice L. Petrococchino, li kien c-Chairman responsabbli ghall-magni tad-dqiq, fejn jghid kategorikament li l-attur ma kienx impjegat fuq il-magna tad-dqiq (fol. 207). Bil-fatt li l-attur kien jaghmel ghassa ukoll f'zona li kienet tappartjeni lis-sezzjoni tad-dqiq ma jfissirx b'daqstant li huwa allura sar impjegat ta' din is-sezzjoni. Il-provi prodotti juru kjarament xort' ohra. Jigi, fl-ahharnett, osservat li kull meta l-attur, fil-premessi tal-att tac-citazzjoni jirreferi ghall-"Collective Agreement" li suppost kien japplika ghalih u ghall-pretensjoni tieghu juza dejjem il-kwalifika ta' "occorrendo". F'kull kaz jirrizulta li dan il-ftehim kollettiv ma japplikax ghall-attur.

Illi ghalhekk jifdal biss il-pretensjoni ta' servizzi moghtijin mill-attur lill-kumpanija konvenuta. Hawn ukoll pero' tinqala' l-kwistjoni dwar x'kellhom ikunu proprjament il-kondizzjonijiet tax-xoghol u hlas relativi bejn il-kontendenti kif dawn jemergu mill-ftehim verbali milhuq bejn l-attur u s-Sur Calascione. Il-provi hawn huma skarsi. Hemm

imbaghad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai temini ta' l-artikolu 2147 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sollevata mill-konvenuti nomine. L-attur, permezz tal-legali tieghu, insista li dan l-artikolu ma kienx japplika ghalih billi, fost argumenti ohra, huwa kien jithallas bil-gimgha u se mai kellha tapplika l-preskrizzjoni kwinkennali trattandosi ta' "a contract of service". Din il-Qorti qieset dina l-eccezzjoni u hija tal-fehma li l-artiklu 2147 subartiklu (C) japplika ghall-kaz in ezami, li allura jfisser li f'kull kaz it-talba attrici kienet ukoll cirkoskritta ghal zmien sena billi z-zmien kollu precedenti kien preskritt. Illi tenut kont tal-fatt li fl-istess perjodu ta' xoghol il-kumpanija konvenuta kienet waslet fi ftehim ma' kategoriji ohrajn ta' haddiema li rrizultaw f'sieghat anqas ta' xoghol u billi jidher li l-attur thalla skopert minn tali beneficcji, jidrilha li jkun gust u xieraq li l-attur jinghata ukoll kumpens li b'xi mod jirrispekkja dak li gie moghti lill-haddiema ohrajn fis-setturi l-ohra. Dan dejjem pero' entro il-limitu ta' sena ta' xoghol minhabba l-preskrizzjoni. Tenut kont ta' kollox ghalhekk, u arbitrio boni viri, din il-Qorti qeghda tillikwida per saldu tal-pretensjoni attrici s-somma ta' elf u hames mittt lira Maltin (Lm1,500), b'riflessjoni ukoll fuq il-kap ta' l-ispejjez li ghandu jigi supportat nofs bin-nofs bejn il-partijiet kontendenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2147 (C) tal-Kap 16 tilqa' t-talbiet attrici a bazi ta'

likwidazzjoni arbitrio boni viri fl-ammont ta' Lm1,500 (elf u hames mitt lira Maltin) u tikkundanna ghalhekk lis-socjeta' konvenuta li thallas lill-attur dana l-ammont. Il-kap ta' l-ispejjez jigi sopportat nofs bin-nofs (50:50) bejn il-partijiet, l-interessi jiddekorru mid-data ta' din id-decizjoni sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md